## A. Il-kitba ta' messaġġ (10 marki)

Inti jismek Daniel/Daniela Farrugia. Ikteb **messaġġ ta' ringrazzjament** ta' **bejn 50 u 60 kelma** lil **wieħed** minn dawn:

**1. Is-Sur Vella, il-Kap tal-iskola tiegħek**

**JEW**

**2. Is-Sinjura Micallef, l-għalliema tiegħek ta' din is-sena**

**Fil-linji t'hawn taħt ikteb il-messaġġ.**

Dawn il-punti jistgħu jgħinuk tikteb il-messaġġ.

- *Ftakar li inti jismek Daniel/Daniela Farrugia. Introduċi ruħek.*
- *Ikteb għaliex tixtieq tirringrazzja lil din il-persuna.*
- *Ikteb x'laqtek l-iktar minn din il-persuna u l-ħidma tagħha.*

**Messaġġ ______ (Ikteb 1 *jew* 2)**

Għażiż/a ______________________,

## B. Il-kitba ta' djalogu (20 marka)

Agħżel **wieħed** minn dawn is-suġġetti u ikteb **djalogu** ta' **bejn 140 u 200 kelma**.

**1. Djalogu bejnek u ferħ ta' dragun**

**JEW**

**2. Djalogu bejnek u l-ġara**



**1. Djalogu bejnek u ferħ ta' dragun**

Il-Ħadd li għadda mort iġġib il-piġama mill-gwardarobba. Kif ftaħt il-bieba, ħareġ ferħ ta' dragun. Għall-ewwel bżajt! Imma wara ftit ħin sirtu ħbieb!

Ikteb id-djalogu li kien hemm bejnietkom.

*Dawn huma xi ideat għad-djalogu:*
*X'jismu d-dragun? Kif spiċċa fil-gwardarobba? Jixtieq jibqa' hemm?*

**JEW**



**2. Djalogu bejnek u l-ġara**

Il-Ħadd li għadda mort iżżur lill-ġara. Meta tmur taraha, hija toqgħod tirrakkontalek il-praspar li għaddiet minnhom meta kienet żgħira. Il-ġara ma kinitx taħsibhom!

Ikteb id-djalogu li kien hemm bejnietkom.

*Dawn huma xi ideat għad-djalogu:*
*Xi praspura rrakkontatlek illum?*
*Meta ġrat? Min kien involut? Kif spiċċat?*

**Fuq paġna 5 agħmel il-pjan tad-djalogu li għażilt.**

## Il-pjan tad-djalogu (4 marki)

Agħmel **il-pjan** tad-djalogu li għażilt.

**Djalogu _______ (Ikteb 1 *jew* 2)**

## Id-djalogu li għażilt (16-il marka)

Uża l-pjan tiegħek biex tikteb id-djalogu li għażilt.

Id-djalogu għandu jkun **bejn 140 u 200 kelma**.

**Djalogu _______ (Ikteb 1 *jew* 2)**

**Tmiem il-Karta**